MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1315/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c. C3177**

**Vs**

**Josue u Georgina konjugi Gauci**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' mija u disgha u ghoxrin elf hames mija u disgha u disghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm129,599.51) rappresentanti kwantu ghal mitt elf lira maltin (Lm100,000) bhala somma li giet avvanzata lill-konvenuti b'titolu ta' self fl-20 ta' Novembru, 1998, u kwantu ghal disgha u ghoxrin elf u hames mija u disgha u disghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm29,599.51) imghax bir-rata pattwita

ta' 9.5% sas-7 ta' Novembru, 2003, salvi imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv.

U premess illi ghalkemm interpellat diversi drabi il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretensjoni taghhom ghall-hlas tas-somma indikata hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x'taghtu ghal din it-talba;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti;

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundannahom ihallsu solidalment lill-Bank attur s-somma ta' mija u disgha u ghoxrin elf hames mija u disgha u disghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm129,599.51) rappresentanti kwantu ghal mitt elf lira maltin (Lm100,000) bhala somma li giet avvanzata lill-konvenuti b'titolu ta' self fl-20 ta' Novembru, 1998 u kwantu ghal disgha u ghoxrin elf u hames mija u disgha u disghin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm29,599.51) imghax bir-rata pattwita ta' 9.5% sas-7 ta' Novembru, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti oltre imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital dovut sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota t'ammissjoni prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fejn il-konvenuti ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirzulta pruvata;

Fuq amissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni b-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------